Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit***

Il-Pulizija

(Spettur PierGuido Saliba)

Vs

Rene' Cuschieri

Illum 8 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Rene' Cuschieri, bin Michael Cuschieri u Carmela Cuschieri nee' Attard, imwieled Malta fit-13 ta' Frar, 1946 u residenti 17, Triq iz-Znuber, San Gwann u detentur ta' l-karta ta' l-identita' numru 178346 M.

L-imputat akkuzat talli fis-17 ta' Settembru, 2017 ghal habta ta' 23:05 hrs f'Triq il-Wilga, San Pawl il-Bahar, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FPY 038;

1. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
3. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4. U meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mary Faenza skont kif iccertifika Dr. David Grima M. D. mill-M.D.H;
5. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' t-traffiku, habat ma'

vettura numru HBO 617 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Josef Borg;

6. U aktar talli waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf u jaghti d-dritta lil vetturi ohra kif hemm indikat b'sinjal tat-Traffiku li jindika 'Give Way'.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom:-

1. Il-Full Road Traffic Accident Report li jikkonsisti fi tmien (8) pagni;
2. Ic-certifikat mediku ta' Mary Faenza fejn Dr. David Grima iccerifika li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa;
3. L-isketch li huwa ipprezentat a fol. 11 tal-process;
4. L-affidavit ta' PS 419 A. Buttigieg.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017, l-imputat Rene Cuschieri ma kienx notifikat, infatti l-Prosekuzzjoni ezebiet referta negattiva tieghu li giet immarkata bhala Dok RC.

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2018 deher l-imputat assistit minn Dr. John Gauci.

Xehdet bil-gurament Ritianne Cassar Faenza li xehdet li harget vettura minn fuq l-istop sign u gharfet lil imputat. Ix-xhud qalet li l-vettura tal-imputat kienet waqfet u qalghet f'daqqa wahda ghal fuqhom. Rigward id-data ta' l-incident kull ma kienet tiftakar huwa li kien fis-sena 2017. Hija kienet front seat passenger u l-vettura li kellha impatt maghhom kienet giet minn naha tax-xellug. Hija qalet li t-triq kienet two lane u l-imputat kien qed isuq vann tal-passiggieri u kellu n-nies mieghu dak il-hin.

F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni ezebiet affidavit ta' Dr. David Grima li gie immarkat bhala Dok DG.

Xehed ukoll bil-gurament Josef Borg li informa lil Qorti li ghadu ma thallasx tal-hsara mill-insurance. Josef Borg huwa sid ta' l-vettura mertu ta' dan il-kaz. Josef Borg qal li jiftakar li l-impatt sehh fis-17 ta' Settembru, 2017. Huwa qal li kien qed isuq fil-11 ta' filghaxija. Kien gej minn naha ta' Kennedy Grove lejn il-Qawra, huwa naqqas l-ispeed imma peress li l-lights kienu hodor huwa baqa' ghaddej. Huwa qal li l-vettura tieghu sofriet hsara ma' l-genb kollu tan-naha ta' l-passiggier. Ix-xhud gharaf lil imputat fl-awla. Huwa informa ukoll lil Qorti li huwa inxurjat bhala fully comprehensive. Huwa qal li pprova jiggenneb biex jahrab il-vettura l-ohra imma hadu fuq il-genb u omm il-partner tieghu wegghet. Meta gie muri l-isketch, ix-xhud Josef Borg qabel mieghu. Ix-xhud qal li quddiem fil-vettura bhala passiggier kellu lil partner tieghu Ritianne Faenza u fuq wara kellu l-genituri taghha. Qal ukoll li l-imputat kien gej minn naha ta' l-Empire Cinema fejn hemm stop sign. Fuq domanda in kontro ezami, ix-xhud qal li l-imputat waqaf ghal ftit barra mill-istop sign u rega' qala'.

Xehdet ukoll Mary Faenza fejn qalet li rat vann gej ghal fuqhom li kien hareg mill-istop sign. Hi wegghet bl-impatt. L-impatt sehh ma' l-bieba, din iccartet u hi wegghet idejha. Ix-xhud gharfet lil imputat. L-isptar ghamlulha X Ray u idejha intefhitilha wara l-incident. Apparti minn hekk kellha ferita, tbengil, ma setghetx iccaqlaq idejha u idha ghadha tugaha sa llum. Fuq domanda in kontro ezami dwar meta sehh l-incident, ix-xhud ftakret illi sehh fis-Sajf tas-sena 2017. Hi qalet li l-imputat kien ha jieqaf, hi ratu egitat u qala' ghal fuqhom. Ix-xhud infurmat lil Qorti li ksur ma kellhiex.

F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Xehed bil-gurament l-imputat Rene' Cuschieri li informa lil Qorti li huwa xufier ta' minibus. Kien Bugibba hiereg minn Triq il-Pijunieri ghal Kennedy Grove fuq xoghol. Kellu l-passiggieri mieghu dak il-hin. Huwa qal li waqaf fuq l-istop sign. Qal ukoll li wara hemm kaxxa

safra. Huwa hares lejn iz-zewg nahat, ma ra lil hadd u hareg. F'daqqa wahda giet il-vettura l-ohra. Huwa qal li jikkalkulha li l-vettura l-ohra kienu ha jaqilbulha l-lights imma mill-posizzjoni tieghu l-lights ta' l-vettura l-ohra ma setghax jarahom. Il-vettura l-ohra giet bis-sahha biex thaffef daqs xejn biex tghaddi. Huwa qabel ma' l-isketch a fol. 11 tal-process. Il-karozza l-ohra giet ghalih u haditu bi sbrixx. Huwa kien wieqaf. Il-karozza l-ohra waqfet tul mhux hazin. Huwa qal li kellu stop sign fil-karreggjata tieghu u waqaf lura mill-istop sign. Kienu xi 11.05 ta' filghaxija meta sehh l-incident. Meta gie mistoqsi jekk kellux id-dwal tal-vettura tieghu mixghulin, l-imputat wiegeb li tieghu kienu zgur mixghulin imma dwar id-dwal ta' l-vettura l-ohra ma kienx cert.

Saret it-trattazzjoni ta' l-partijiet.

**<u>Decide</u>**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet, rigwardanti l-ewwel tlett imputazzjonijiet ssib lil Rene Cuschieri hati ta' sewqan perikoluz u tikkundannah multa ta' elf Mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) u multa ta hames mitt (€ 500) komplessivament fuq il-kumplament ta' l-imputazzjonijiet, inoltre tissospendi il-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' gimgha u tiskwolifikah milli jsuq ghall-istess perijodu.

*Dr. Yana Micallef Stafrace*

**Magistrat**